# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 6 ta’ Marzu 2002**

**Avviz. numru 981/01**

**Numru 18**

**United Automobile Limited**

**vs**

**Omar Mouldi u Mary Dolores Mouldi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta’ Lm1631.04,0 (elf, sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u erba’ centezmi) ammont dovut mill-konvenuti rapprezentanti import ta’ tnax (12) il-kambjala ta’ Lm135.92 il-wahda li immaturaw fit-tmienja u ghoxrin ta’ kull xahar minn Dicembru 2000 sa Novembru 2001 (iz-zewg xhur komprizi) liema kambjali inhargu wara bejgh u konsenja ta‘ karrozza Astra numru OMR-811.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2001 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati mal-avviz u bl-interessi li jiddekorru mid-data tal-maturazzjoni ta' kull kambjala ghall-ammont indikat f'kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet attrici, liema nota giet presentata illum stess fir-Registru u ffirmata mill-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1631.04,0 bl-imghax legali mill-5 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2001 u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru tal-4 ta' Dicembru 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur